PDF Compressor Pro



Jamie Camilleri (fin-nofs) fil-Parti ta' Ġesù. Fuq ix-xellug tiegħu jidher Carmel Theuma fil-parti ta' Pietru waqt li fuq il-lemin jidher Josmar Saliba li ħadem il-parti ta' Ġwanni

L-Imsallab fi Triqatna

Għal darb'oħra, nhar is-Sibt 9 ta' April, l-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex, bil-kollaborazzjoni tal-Oratorju Don Bosco ippreżentat lill-pubbliku d-Dramm tal-Passjoni, ***L-Imsallab fi Triqatna,*** fit-toroq tal-Belt Victoria. Din hi l-għaxar sena minn meta l-Għaqda msemmija bidet torganizza d-dramm tal-Passjoni fit-toroq, f'dawn il-jiem tar-Randan.

Ħadu sehem ukoll numru ta' atturi stabiliti Għawdxin.

Il-pagaent li beda mill-Oratorju Don Bosco u għadda mit-toroq ewlenin tal-Belt Victoria, ħadu sehem fih 'l fuq minn 200 persuna, fosthom dawk lebsin ta' suldati li telgħu Għawdex apposta minn Ħal Balzan u minn Ħal Luqa.

Folla kbira ta' nies din is-sena wkoll segwiet dan id-dramm illi bħal kull sena, din is-sena kellu s-sorpriżi tiegħu, bħal xenarju ġdid għal fuq il-palkijiet armati apposta fit-toroq u l-Pjazez kif ukoll sett ta' kostumi għal suldati Rumani.



Uħud mill-personaġġi li ħadu sehem f'dan il-pageant

Taħt id-direzzjoni ta' George J Cassar, l-atturi prinċipali kienu Jamie Camilleri fil-parti ta' Ġesù, Andy Fava fil-parti ta' Malchus; Carmel Theuma ħadem il-parti ta' Pietru; Lara Mompalao ħadmet il-parti ta' Marija; Carmel Camilleri bħala Pilatu, Josmar Saliba bħala Ġwanni; Joseph Tabone fil-parti ta' Annas; Gordon J. Grech fil-parti ta' Caiaphas waqt li l-Avukat żagħżugħ Joshua Grech ħadem il-parti ta' Erodi.



Suldati Rumani



MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**





Żjara mill-Eċċellenza tiegħu l-Isqof t'Għawdex fl-iskola Sekondarja tas-subien fil-Kulleġġ t'Għawdex

L-Eċċelenza Tiegħu Monsinjur Mario Grech, Isqof t'Għawdex, għamel żjara fl-iskola Sekondarja tas-Subien fil-Kulleġġ t'Għawdex.

Huwa ġie mdawwar mal-wirja li ġiet mħejjija għal żmien ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa minn diversi studenti bl-għajnuna tal-għalliema tagħhom biex din il-wirja setgħet issir u tkun suċċess.

Wara, Monsinjur Isqof ħa l-okkażjoni biex jiltaqa' mal-għalliema tar-religjon, kif ukoll mal-għalliema li jgħallmu f'din l-iskola.



Hamrun Association
presents
MOTHERS DAY BALL
7th May 2011 at **7pm**
100 Jackson Street, Marsden Park
Entertainment by:
The Heart Beats
Donation: $40 per person
Enjoy a 3 Course Meal
(drinks are not included) - Bar will be opened
For more information contact:
***Eddie Ellul 0410 407 423** or*
Hamrun Club (02) 9838 1111

PDF Compressor Pro



Via Sagra mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu lejn l-Għolja t'Għammar

minn Charlie Spiteri - Għawdex

Nhar il-Ħadd 10 ta' April, filgħaxija, Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Via Sagra mis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu lejn l-Għolja t'Għammar. Għal kull stazzjon familja minn kull Parroċċa Għawdxija imxiet ma' Mons Isqof billi ġarret il-fjakli. Il-meditazzjonijiet tal-Via Sagra kienu jitkellmu dwar il-familja u ġew miktuba minn Mons Isqof Mario Grech innifsu.





Mfakkar l-anniversarju tal-għotja tal-George Cross lil Malta

'Biex tkun onorata l-qlubija tal-poplu tagħha, jien ngħati l-George Cross lill-Gżira fortizza ta' Malta, biex ikun xiehda tal-eroiżmu u d-devozzjoni li jibqgħu famużi fl-istorja.' Dan il-kliem miktub minn idejn ir-Re George VI fil-15 ta' April, 1942 kien ir-rikonoxximent li l-poplu Malti rċieva b'turija ta' apprezzament għall-qlubija kbira wara li kienu diġà għaddew kważi sentejn ta' attakki kontinwi mill-ajru hekk kif faqqgħet it-tieni gwerra dinjija.

B'popolazzjoni ta' 270,000 hekk kif bdiet il-gwerra, Malta sofriet xejn inqas minn 3,343 attakk mill-ajru f'madwar 2,357 siegħa u fuqha twaddbu aktar minn 15,000 tunellata bombi.

Bejn Ġunju 1940 u April 1944 kienu reġistrati 1,581 mewt ta' persuni ċivili, 7,500 baħri jew suldati tilfu ħajjithom filwaqt li kien hemm aktar minn 3,780 persuna li sfaw midruba.

F'sentejn, bejn l-1940 u l-1942 intbagħtu 17-il konvoj lejn Malta bl-*Operation Pedestall*, dak li baqa' magħruf aħjar bħala l-konvoj ta' Santa Marija jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-poplu Malti li kien wasal fi stat li jħejji ruħu għall-invażjoni tal-għadu.

Fi Pjazza San Ġorġ il-Belt, proprju fil-post fejn fit-13 ta' Settembru, 1942 il-Prim Imħallef George Borg, irċieva l-George Cross mingħand il-Gvernatur John Vereker, Viskonti ta' Gort, saret iċ-ċerimonja uffiċjali tal-għoti ta' dan l-unur, nhar il-Ħamis saret verżjoni drammatizzata ta' dawn il-ġrajjiet. Matulha ġiet imġedda l-memorja ta' min 69 sena ilu kellu x-xorti jgħix dak il-mument, filwaqt li tat ħjiel lill-ġenerazzjonijiet ta' wara, minn xhix kellhom jgħaddu missirijietna biex jiddefendu art twelidhom.

Fi programm bis-sehem tal-Banda tal-Forzi Armati kif ukoll il-Banda tal-Pulizija, permezz ta' narrazzjoni u effetti tad-dwal u filmati, ingħatat informazzjoni dwar il-ġrajjiet li seħħew f'dawk is-snin imqanqla.

Għadd kbir ta' turisti kif ukoll Maltin assistew għat-tifkira ta' din il-ġrajja, li kif esprima r-Re Ġorġ fiddedika tiegħu, se tibqa' tirrikonoxxi l-qlubija tal-poplu Malti tul l-istorja.

Lic. No. 2TA000839

Breakaway Travel

Special Airfare to Malta



From $1800.00 plus taxes

Departures from now till further notice

For further details contact our Friendly Staff:



* **Blacktown:** Cnr. Main & Campbell Str. Tel: (02) 9622 7799
* **City:** 4th Floor 32 York Str. Tel: (02) 9290 2377
* **Fairfield:** Neeta City Shopping Centre, Shop G3 Cnr Smart & Nelson Str (02) 9727 7177
* **St Mary's**: The Village Shopping Centre Charles Hackett Drive St Mary's (02) 9623 5099
* **Melbourne:** Shop T11, Sunshine Shopping Plaza, Hampshire Rd., Sunshine, VIC. Mary-Anne Nesk neè Sammut (03) 9312 4344